32007E0178



# AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2007/178/PESK

## tad-19 ta' Marzu 2007

## bħala appoġġ għad-distruzzjoni ta' armi kimiċi fil-Federazzjoni Russa fil-qafas ta' l-Istrateġija ta' l-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Distruzzjoni Massiva

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar l-isħubija u l-koperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Federazzjoni Russa, minnaħa l-oħra [1], jippromwovi, fost oħrajn, żieda fil-konverġenza tal-pożizzjonijiet dwar kwistjonijiet internazzjonali ta' tħassib reċiproku sabiex b'hekk jiżdiedu s-sigurtà u l-istabbiltà.

(2) Il-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni ta' l-Iżvilupp, Produzzjoni, Akkumulament u Użu ta' Armi Kimiċi u dwar id-Distruzzjoni tagħhom daħlet fis-seħħ fil-Federazzjoni Russa fil-5 ta' Diċembru 1997.

(3) Fil-25 u s-26 ta' Ġunju 2002 f'Kananaskis il-G8 ta bidu għall-Isħubija Globali kontra t-Tixrid ta' Armi u Materjali ta' Distruzzjoni Massiva, fejn taħt din ġie deċiż li jiġu appoġġati proġetti speċifiċi ta' koperazzjoni, inizjalment fil-Federazzjoni Russa, sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet dwar in-non proliferazzjoni, id-diżarm, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u s-sigurtà nukleari.

(4) L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 1999/878/PESK tas-17 ta' Diċembru 1999 [2] stabbilixxiet programm ta' koperazzjoni ta' l-UE dwar in-non proliferazzjoni u d-diżarm fil-Federazzjoni Russa, li tkompliet permezz ta' l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2003/472/PESK ta' l-24 ta' Ġunju 2003 [3] li skadiet fl-24 ta' Ġunju 2004. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/493/PESK [4], li implimentat l-Azzjoni Konġunta 1999/878/PESK, inkludiet proġett inizjali ta' appoġġ għall-bini ta' infrastruttura relatata mad-distruzzjoni ta' gassijiet nervini depożitati fis-sit ta' Shchuch'ye (fil-Federazzjoni Russa). Dan il-proġett ġie finalizzat fit-28 ta' Jannar 2005.

(5) L-Unjoni Ewropea tibqa' tappoġġa l-għan u l-prinċipji ta' l-inizjattiva ta' l-Isħubija Globali tal-G8 u tibqa' tippromwovi attivitajiet b'mod koperattiv għat-tnaqqis tat-theddid u l-iżmantellament bla periklu u sigur ta' riżorsi relatati ma' l-ADM fil-Federazzjoni Russa.

(6) Bħalissa qiegħed jitwettaq proġett ta' diversi donaturi sabiex tingħata assistenza għad-distruzzjoni ta' armi kimiċi fis-sit ta' Shchuch'ye koordinat mir-Renju Unit. Il-kunsinna tat-tagħmir relatat hija skedata għall-31 ta' Ottubru 2007.

(7) L-Unjoni Ewropea tibqa' tappoġġa lill-Federazzjoni Russa fil-ħidma tagħha fir-rigward ta' l-iżmantellament jew tar-rikonverżjoni, mingħajr periklu u mingħajr ħsara lill-ambjent, ta' infrastruttura, tagħmir u kapaċitajiet xjentifiċi marbutin ma' l-Armi ta' Distruzzjoni Massiva (ADM).

(8) Fit-12 ta' Diċembru 2003 l-Unjoni Ewropea adottat l-istrateġija tagħha kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Distruzzjoni Massiva li, inter alia, tippromwovi ambjent internazzjonali u reġjonali stabbli, bħala kondizzjoni għall-ġlieda kontra l-proliferazzjoni ta' ADM.

[1] ĠU L 327, 28.11.1997, p. 3. Il-Ftehim kif emendat l-aħħar bl-Ftehim tad-9 ta' Lulju 2002 (ĠU L 9, 15.1.2004, p. 22).

[2] ĠU L 331, 23.12.1999, p. 11. Azzjoni Konġunta kif emendata bid-Deċiżjoni 2002/381/PESK (ĠU L 136, 24.5.2002, p. 1)

[3] ĠU L 157, 26.6.2003, p. 69.

[4] ĠU L 180, 3.7.2001, p. 2.

(9) L-attivitajiet ta' l-Unjoni Ewropea bħala appoġġ għall-Isħubija Globali ser isiru fl-istess żmien li jsiru attivitajiet minn oħrajn u ser ikunu kkoordinati kemm jista' jkun sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni li ma tkunx meħtieġa.

(10) Huwa kunsiljabbli li l-Kummissjoni tkun fdata bis-superviżjoni ta' l-implimentazzjoni korretta tal-kontribut finanzjarju ta' l-UE,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

*Artikolu 1*

1. L-għan ta' din l-Azzjoni Konġunta hu li tappoġġa lill-Federazzjoni Russa fl-isforzi tagħha sabiex teqred l-akkumulamenti tagħha ta' armi kimiċi skond l-obbligi tagħha li jirriżultaw mill-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni ta' l-Iżvilupp, Produzzjoni, Akkumulament u Użu ta' Armi Kimiċi u dwar id-Distruzzjoni tagħhom.

2. Din l-Azzjoni Konġunta għandha tikkontribwixxi għall-kostruzzjoni ta' l-impjant ta' distruzzjoni ta' armi kimiċi ta' Shchuch'ye fil-Federazzjoni Russa. Id-dettalji tal-proġett speċifiku huma disposti fl-Anness ma' din l-Azzjoni Konġunta.

*Artikolu 2*

1. Il-Presidenza, assistita mis-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill/Rappreżentant Għoli għall-PESK (SĠ/RGħ), għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din l-Azzjoni Konġunta. Il-Kummissjoni għandha tkun assoċjata b'mod sħiħ.

2. L-implimentazzjoni teknika tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 1(2) hija fdata f'idejn is-Segretarju ta' l-Istat għad-Difiża tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq, li jaġixxi f'isem il-Ministeru tad-Difiża tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ is-'Segretarju ta' l-Istat') li għandu jwettaq il-kompiti tiegħu taħt ir-responsabbiltà tal-Presidenza, assistit mis-SĠ/RGħ. Għal dan l-għan, is-SĠ/RGħ għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa mas-Segretarju ta' l-Istat.

*Artikolu 3*

1. L-ammont finanzjarju ta' referenza għall-proġetti elenkati fl-Artikolu 1(3) huwa ta' EUR 3 145 000 li għandu jkun iffinanzjat mill-baġit ġenerali ta' l-2007 ta' l-Unjoni Ewropea.

2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont stipulat fil-paragrafu 1 għandha tiġi ġestita skond il-proċeduri u r-regoli tal-Komunità Ewropea applikabbli għall-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea bl-eċċezzjoni li kwalunkwe pre-finanzjament m'għandux jibqa' l-proprjetà tal-Komunità. In-nefqa għandha tkun eliġibbli mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din l-Azzjoni Konġunta.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-implimentazzjoni korretta tal-kontribut ta' l-UE imsemmi fil-paragrafu 1. Għal dan l-għan, hi għandha tikkonkludi Ftehim ta' Finanzjament mas-Segretarju ta' l-Istat taħt il-kondizzjonijiet għall-użu tal-kontribut ta' l-UE. Il-ftehim ta' finanzjament li jrid jiġi konkluż għandu jistipula li s-Segretarju ta' l-Istat għandu jiżgura l-viżibbiltà tal-kontribut ta' l-UE, kif ikun xieraq għad-daqs tiegħu.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dak li tista' sabiex tikkonkludi l-ftehim ta' finanzjament imsemmi fil-paragrafu 3 mill-aktar fis possibbli wara d-dħul fis-seħħ ta' din l-Azzjoni Konġunta. Hija għandha tgħarraf lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultajiet f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament.

*Artikolu 4*

Il-Presidenza, assistita mis-SĠ/RGħ, għandha tirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din l-Azzjoni Konġunta abbażi ta' rapporti li għandhom jiġu pprovduti mis-Segretarju ta' l-Istat. Il-Kummissjoni għandha tkun assoċjata b'mod sħiħ u għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-implimentazzjoni finanzjarja tal-proġetti kif msemmija fl-Artikolu 3(3).

*Artikolu 5*

Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jissospendi l-proġett jekk il-Federazzjoni Russa tonqos, b'mod partikolari:

(a) li tikkopera bis-sħiħ fl-implimentazzjoni ta' din l-Azzjoni Konġunta,

(b) li tippermetti l-monitoraġġ mill-Unjoni Ewropea u/jew l-evalwazzjonijiet u l-verifika esterni perijodiċi għal dak il-għan,

(ċ) li tissodisfa l-obbligi tagħha taħt il-Ftehim dwar is-Sħubija u l-Koperazzjoni li jistabbilixxi Sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri minn naħa waħda u l-Federazzjoni Russa min-naħa l-oħra.

*Artikolu 6*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tiskadi 18-il xahar wara l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Finanzjament ta' l-UE bejn il-Kummissjoni u s-Segretarju ta' l-Istat.

*Artikolu 7*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Marzu 2007.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
Horst SEEHOFER

*ANNESS*

**PROĠETT GĦAD-DISTRUZZJONI TA' ARMI KIMIĊI FI SHCHUCH'YE BEJN L-UE U R-RUSSJA**

1. **Objettiv**

Sabiex il-Federazzjoni Russa tiġi assistita fid-distruzzjoni ta' xi wħud mill-armi kimiċi tagħha, fl-ambitu tat-twettiq ta' l-obbligi tar-Russja taħt il-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni ta' l-Iżvilupp, Produzzjoni, Akkumulament u Użu ta' l-Armi Kimiċi u dwar il-Distruzzjoni tagħhom.

2. **Deskrizzjoni tal-Proġett**

L-Azzjoni Konġunta għandha timpenja l-finanzjament bħala appoġġ għad-distruzzjoni tal-faċilità ta' armi kimiċi ta' Shchuch'ye fil-Federazzjoni Russa u b'hekk tikkontribwixxi għad-distruzzjoni ta' 1 900 000 munizzjon għall-artillerija u munizzjonijiet razzi li fihom madwar 5 500 tunnellata ta' aġenti nervini, li huma maħżuna fi Shchuch'ye jistennew li jiġu distrutti.

Din l-Azzjoni Konġunta ser tappoġġa l-ħtieġa li titlesta l-infrastruttura għall-forniment ta' l-elettriku fil-faċilità ta' distruzzjoni ta' l-armi kimiċi fi Shchuch'ye. Hi ser tiffinanzja l-akkwist u l-kunsinna ta' elementi maġġuri ta' tagħmir li sejrin sussegwentement jiġu installati fis-sub stazzjonijiet ta' l-elettriku ta' Shchuchanskaya, Shumikha u Kurgan li jinsabu ħdejn il-belt ta' Shchuch'ye u l-impjant ta' distruzzjoni, sabiex ikun provdut forniment affidabbli ta' provvista ta' enerġija għall-funzjonament ta' l-impjant ta' distruzzjoni ta' l-armi kimiċi. Dan it-tagħmir huwa essenzjali għat-tlestija tal-forniment ta' elettriku u ġie magħżul sabiex ikunu żgurati l-koerenza ma' proġetti ta' l-UE fl-imgħoddi u l-viżibbiltà adegwata tal-kontribut finanzjarju ta' l-UE. Il-proġett ser jitlesta u d-dritt ta' proprjetà tat-tagħmir ser jiġi ttrasferit lill-awtoritajiet Russi sa tmiem l-2007.

Il-kostruzzjoni ta' l-impjant ta' distruzzjoni fi Shchuch'ye dalwaqt titlesta, u l-operazzjonijiet mistennija jibdew, f'nofs l-2008.

Din l-Azzjoni Konġunta tagħmel parti mill-impenn ta' l-UE taħt l-Isħubija Globali u għandha tikkomplementa u tirrinforza l-valur tal-proġett preċedenti ffinanzjat mill-UE fis-sit ta' Shchuch'ye.

3. **Tul ta' żmien**

Il-fażi ta' akkwist ta' tagħmir tal-proġett ser tibda fil-jum tal-konklużjoni tal-ftehim ta' Finanzjament bejn is-Segretarju ta' l-Istat għad-Difiża tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, li jaġixxi f'isem il-Ministeru tad-Difiża tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, u l-Kummissjoni. Ir-Renju Unit qed jippjana li jiffinanzja x-xogħol assoċjat ta' kostruzzjoni u ta' installazzjoni, suġġett għall-ftehim dwar prezzijiet sodisfaċenti.

It-tul ta' żmien ippjanat tal-proġett huwa ta' 18-il xahar.

4. **Benefiċjarju**

Il-Federazzjoni Russa.

5. **Entità ta' Implimentazzjoni**

Is-Segretarju ta' l-Istat għad-Difiża tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, li jaġixxi f'isem il-Ministeru tad-Difiża tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, ser ikun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-proġett.

L-entità implimentattiva ser tħejji:

— Rapport ta' nofs it-term wara l-ewwel sitt xhur ta' l-implimentazzjoni tal-proġett

— Rapport finali xahar qabel it-tmiem ta' l-implimentazzjoni tal-proġett

Ir-rapporti ser jintbagħtu lill-Presidenza, assistita mis-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill/Rappreżentant Għoli għall-PESK.

6. **Mezzi meħtieġa stmati**

Din l-Azzjoni Konġunta ser tiffinanzja l-affarijiet li ġejjin li għalihom hemm prezzijiet fissi fil-lira sterlina iżda li jidhru hawn taħt maqlubin f'EUR bir-rata attwali ta' kambju:

| Serje | Deskrizzjoni | Prezz |
|---|---|---|
| 10 | Pannell *relay* għall-protezzjoni tal-konduttur ta' l-elettriku fis-sub stazzjon ta' Shchuchanskaya, | |
| 10ċ | Servizzi ta' appoġġ għall-istallazzjoni fuq is-sit għall-fornitur | |
| 11 | Tagħmir għall-Istazzjon Reġjonali għall-Provvista ta' l-Elettriku ta' Shchuch'ye inkluż pannell ta' kontroll ta' 18m$^2$ u sistema kompjuterizzata | |
| 15 | Tagħmir ta' kontroll tat-tqassim ta' l-elettriku għall-fornitur lokali ta' l-elettriku KurganEnergo. Jinkludi pannell ta' kontroll ta' 50m$^2$, sistema kompjuterizzata ta' kontroll għas-sub stazzjon ta' Zapadnyy u tagħmir ta' kontroll tat-tqassim għal sub stazzjonijiet varji oħrajn relatati | |
| 24 | Kabina għall-protezzjoni ta' *busbar* ta' 220kV fis-sub stazzjon ta' Shumikha | |
| | Sottototal | EUR 3 034 680 |
| | | |
| | Ħlasijiet tal-bank | EUR 1 000 |
| | Verifika ta' l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika | EUR 6 000 |
| | Missjonijiet għas-Segretarju ta' l-Istat (għal żjarat lejn Shchuch'ye relatati mal-proġett ta' l-UE biss, jekk meħtieġa) | EUR 10 000 |
| | Sottototal | EUR 3 051 680 |
| | Spejjeż imprevisti (madwar 3 % tan-nefqa tal-proġett) | EUR 93 320 |
| | | |
| | Total | EUR3 145 000 |

7. **Ammont finanzjarju ta' referenza sabiex ikopri l-ispiża totali tal-proġett**

L-ispiża totali tal-proġett hi ta' EUR 3 145 000.